# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar, it-Tlieta 30 ta' April 2024**

**Numru 11**

**Rikors numru 691/2017/1 AF**

**Charles Schembri f'ismu proprju eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta' Tecnomarine kif ukoll in rappreżentanza tas-soċjetà Tecnomarine Holdings Limited (C-40771)**

**v.**

**Trader Marine Yacht Services Limited (C-12599) u b'digriet tal-24 ta' Mejju 2018, il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat li tissejjaħ fil-kawża s-soċjetà "Crusader International Limited"**

**Il-Qorti:**

1. Din hija kawża li permezz tagħha l-attur *proprio et nomine* qiegħed jitlob lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas għal xogħlijiet esegwiti fuq id-dgħajsa *MV French Kiss* u għall-ħażna ta' din id-dgħajsa

nkluż għaż-żmien illi l-attur tqabbad bħala kunsinnatarju fil-mandat ta' qbid fl-ismijiet *Trader Marine Yacht Services Limited vs Crusader International Limited* bin-numru 850/2010.

2. B'sentenza tat-30 ta' Marzu 2022 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħetlu t-talbiet tiegħu u llikwidat is-somma ta' €6,420 għax-xogħol ta' tiswija u magazzinaġġ, u €21,844 għall-ammont dovut lilu bħala kunsinnatarju wara li rraġunat li:

> Mill-provi prodotti jirriżulta li f'Mejju tas-sena 2007 Edward Woods għan-nom tas-soċjetà konvenuta kien talab lill-attur sabiex iżomm id-dgħajsa *MV French Kiss* fil-*boat yard* tiegħu u dan sabiex isiru xi xogħlijiet fuq l-istess dgħajsa u kif ukoll sabiex id-dgħajsa tiġi maħżuna hemm. Mill-atti ma jirriżultax preċiżament x'kien il-ftehim bejn il-partijiet la dwar ix-xogħlijiet u lanqas dwar kemm kellha ddum id-dgħajsa fil-*boat yard* tal-atturi. Madanakollu, jidher illi Woods kien aċċerta lill-attur illi sid id-dgħajsa kienet ser tħallas.
>
> Din id-dgħajsa hija proprjetà tas-soċjetà imsejħa fil-kawża. L- attur jgħid illi huwa fil-fatt kien jaf li din id-dgħajsa kienet tappartjeni lil xi klijenta ta' Woods, imma li hu dejjem ma' Woods kellu x'jaqsam u fil-fatt, il-kontijiet dejjem bagħathom lilu.
>
> Jirriżulta li qamet kwistjoni bejn il-konvenuta u l-imsejħa fil- kawża dwar pagamenti u allegati ħsarat kemm fid-dgħajsa *de quo* u kemm f'dgħajjes oħra u għalhekk, fl-2010, il-konvenuta pproċediet b'kawża kontra l-imsejħa fil-kawża li da parti tagħha ippreżentat kontro-talba.
>
> Permezz ta' sentenza in parte tat-3 ta' Mejju 2012, din il-Qorti diversament presjeduta ddeċidiet illi t-talbiet attriċi, illum il- konvenuta, kienu preskritti, filwaqt illi permezz ta' sentenza finali tas-26 ta' Mejju 2016, l-istess Qorti rrespinġiet il-kontro-talba. Minn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet ma saru l-ebda appelli u allura llum huma *res judicata*.
>
> Meta qamet din il-kwistjoni bejn is-soċjetà konvenuta u s-soċjetà imsejħa fil-kawża, is-soċjetà konvenuta talbet u ottjeniet mandat ta' qbid kawtelatorju fuq id-dgħajsa *MV French Kiss* li kien akkordat nhar is-27 ta' Mejju 2010. Bi qbil bejn l-attur u Woods, l-attur agixxa ta' kunsinnatarju u d-dgħajsa baqgħet għandu. Dan il-mandat dam fis-seħħ sas-16 ta' Ottubru 2017.
>
> Jidher li d-dgħajsa *de quo* għadha sal-lum maħżuna fil-*boat yard* tal-

atturi. Kif diġà ntqal, l-istruzzjonijiet kollha lill-attur ġew mingħand Woods in kwantu li l-attur qatt ma tkellem ma' xi rappreżentant tal-imsejħa fil-kawża.

Mis-sentenza ta' din il- Qorti diversament presjeduta fil-kawża bejn il-konvenuta u l- imsejħa fil-kawża jirriżulta wkoll li kien hemm fil-fatt xi ftehim bejniethom dwar din id-dgħajsa u l-manutenzjoni tagħha iżda dan il-ftehim maż-żmien ġie tteriminat.

Is-soċjetà konvenuta mhux tikkontesta li l-atturi pprestaw servizzi, inkluż li pprovdew *spare parts* għad-dgħajsa u lanqas ma hu kkontestat illi din id-dgħajsa ilha maħżuna fil-*boat yard* tal-atturi tul dawn l-aħħar snin. L-argument ċentrali tas-soċjetà konvenuta huwa li għall-ħlas hija responsabbli l-imsejħa fil- kawża bħala sid id-dgħajsa kif ukoll illi l-ftehim bejn l-attur u Woods kien illi l-atturi jitħallsu malli tħallas l-imsejħa fil-kawża.

Mill-fattura esebita a fol. 130 u 131 jirriżulta li l-atturi qed jippretendu s-somma globali ta' €36, 268.15:

- Għax-xogħlijiet u servizzi reżi minnhom fuq id-dgħajsa;

- Għall-ħażna tad-dgħajsa għall-perjodu ta' tlett snin qabel ma sar il-mandat ta' qbid;

- Għall-ħażna tad-dgħajsa għall-perjodu ta' aktar minn seba' snin li dam il-mandat ta' qbid in vigore;

- Għall-ħażna tad-dgħajsa minn dakinhar illi tħassar il- mandat ta' qbid sat-30 ta' April 2019. Mill-atti jirriżulta wkoll illi sid id-dgħajsa kienet qed tallega li hija qatt ma tat struzzjonijiet sabiex id-dgħajsa titqiegħed fil-*boat yard* tal-atturi u li għaldaqstant, ma kienitx ser tħallas. Stabbilit dan kollu, din il-Qorti tqis illi l-atturi għandhom raġun jgħidu li r-relazzjoni ġuridika tagħhom hija unikament ma' Edward Woods in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta.

Kwalunkwe ftehim li kellha l-konvenuta mal-imsejħa fil-kawża huwa *res inter alios acta* għall-atturi. Mhuwiex il-każ li l- konvenuta kienet qed taġixxi ta' mandatarja tal-imsejħa fil- kawża u fil-fatt ma tressqet l-ebda prova li hija ngħatat xi struzzjonijiet jew li qatt informat lill-attur li kienet qed taġixxi fuq struzzjonijiet tal-imsejħa fil-kawża. A tenur tal-artikolu 999(1) tal-Kap. 16, '*Ħadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruħu jew jikkuntratta ħlief għalih innifsu*.' Ghalkemm huwa minnu li l-attur qieghed jistenna li thallas is-socjetà imsejjha fil- kawza, jirrizulta illi dan kien biss ghaliex l-istess Woods kien qieghed jinfurmah hekk.

B'żieda ma dan u għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħlas dovut lill-attur bħala kunsinnatarju, l-liġi tirrikonoxxi li l-kreditur għandu jħallas lill-kunsinnatarju meta fl-artikolu 282(d) tal-Kap. 12 hemm stabbilit li l-mandat ta' qbid għandu jkun fih l-ordnijiet tal-Qorti fejn, '*għandu jaħtar*

*kunsinnatarju u għandu jintaxxa u jirċievi l-ħlas dovut lill-kunsinnatarju mingħand il-kreditur għall-perjodu li l-oġġetti maqbuda u elevati ser jagħmlu f'idejn il-kunsinnatarju b'dan illi dan il-ħlas jista' jiġi maqsum fuq perjodi li jiffissa r-Reġistratur skont in-natura tal-oġġetti maqbuda u elevati. Dan il-ħlas isir bla ħsara tal-jedd tar-rigress kontra d-debitur meta hemm lok għal dan ir-rigress.*'

Mir-rikors promotur jirriżulta li l-atturi qed jitolbu €6,420 *'in konnessjoni max-xogħol u servizzi inkluż storage, tad-dgħajsa MV French Kiss*' u kif ukoll likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' dak dovut lill-attur bħala kunsinnatarju. Il-Qorti hija marbuta bit-talbiet kif dedotti u sejra għalhekk tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma globali ta' €28,264 (€6,420 + €21,844).

3. Il-konvenuta ħassitha aggravata mis-sentenza u appellat minnha.

4. B'nota tal-24 t'Ottubru 2023 l-attur *proprio et nomine* issa appellat ir-rinunzja għat-talbiet tiegħu fil-konfront tal-kjamata fil-kawża.

5. Id-doljanza tal-appellanti hija li:

(1) Hija kienet mandatarja tas-sid tad-dgħajsa u għalhekk l-ispejjeż dovuti għax-xogħlijiet li saru fuqha u għall-ħażna tagħha għandu jħallashom sidha.

(2) L-Ewwel Qorti m'għamlitx analiżi bir-reqqa tar-relazzjoni bejn it-tliet partijiet fil-kawża.

(3) Ix-xogħlijiet li saru qabel il-ħruġ tal-mandat ta' qbid huma preskritti a tenur tal-Art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

(4) Il-kalkolu tas-servizz ta' kunsinnatarju huwa żbaljat.

(5) L-ammonti tal-perjodu wara li l-mandat ġie revokat m'għandhomx jiġu addebitati lill-appellanti.

6. **B'riferenza għall-ewwel aggravju**, hija ħaġa minn ewl id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta għalih innifsu. Dan hu rifless fil-liġi li tgħid li "**Għandu jitqies illi wieħed wiegħed jew ftihem għalih innifsu".[1]** Meta wieħed jikkuntratta f'ismu personali ma jistax sussegwentement isostni li kien bħala fatt qiegħed jikkuntratta f'isem ħaddieħor.[2] F'każ ta' dubju l-preżunzjoni hi illi l-persuna li qed tikkontratta hekk qed tagħmel f'isimha proprju.[3]

7. Din il-preżunzjoni titwaqqa' bil-prova li l-persuna turi espressament li qiegħda tikkuntratta f'isem ħaddieħor jew jekk dan ma jindikaħx espressament, il-parti l-oħra raġonevolment kellha tkun taf li jkun qed tikkontratta f'isem ħaddieħor.[4]

8. **Il-prova kuntrarja** li twaqqa' s-suesposta preżunzjoni tinkombi lill-persuna li jkun qed jidher f'isem u għan-nom ta' ħaddieħor. [5] Ċertament mhix biżżejjed il-prova li tkun qed taġixxi f'isem ħaddieħor mingħajr ma tkun taf il-persuna li magħha jsir in-negozju.[6] Din trid tipprova mhux biss li kienet qed jaġixxi bħala mandatarju ta' persuna oħra identifikata b'mod

---

1 Art. 998 tal-Kodiċi Ċivili.
2 Ara a propożitu sentenzi fl-ismijiet **Joseph Chetcuti** *nomine* **-vs- Peter Paul Camilleri**, Appell, 4 ta' Diċembru 1988 u **Frank Cilia** *nomine* **-vs- Charles Scicluna**, Qorti tal-Kummerċ, 27 ta' April 1992;
3 (**Lawrence Formosa** *et nomine* **-vs- Silvio Felice**, Appell, 6 ta' Ottubru 1999);
4 (**Anthony Caruana** *et* **-vs- John Magro** *et*, Appell, 6 ta' Ottubru 1999);
5 - **Frank Cilia** *nomine* **-vs- Charles Scicluna**, Qorti tal-Kummerċ, 27 ta' April 1992. Ara a propożitu f'dan l-istess sens deċiżjonjiet fl-ismijiet **Anthony Caruana** *et* **-vs- John Magro** *et*, Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u **Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri** Appell, 25 ta' Mejju 2001.
6 Ara **Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri**, Appell, 25 ta' Mejju 2001

ċar imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qed jikkontratta.[7]. Dan l-għarfien irid ikun fil-mument li jkun ġie konkluż l-akkordju. Hu dak il-mument li hu rilevanti u hu f'dak il-mument illi min jinnegozja għandu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza ma' min ikun qiegħed jagħmel il-ftehim.[8]

9. Jispetta lill-ġudikant li jiddeċiedi jekk il-persuna li taġixxi f'isem ħaddieħor tkunx indikat dan espressament lill-parti li magħha tagħmel il-ftehim,[9] u, jekk dan ma jkunx il-każ, li jiżen iċ-ċirkustanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-parti l-oħra illi l-kontroparti kienet qed tidher in rappreżentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhux daqstant ovvji.

10. L-appellanti ssostni li l-appellata kienet taf li d-dgħajsa mhix tal-appellanti; u li s-servizzi li talbet l-appellanti kienu mitluba f'isem is-sid.

Ikkunsidrat:

11. Kuntrarjament għal dak li tallega l-appellanti, mhux minnu li hemm prova li l-appellata kien jaf ta' min kienet id-dgħajsa. Fi kwalunkwe każ, huwa rrilevanti ta' min kienet id-dgħajsa, u jekk il-konvenuta kinitx taf ta' min hija d-dgħajsa. Dak li hu rilevanti hu min jordna li jsiru t-tiswijiet u l-

---

[7] - **Lawrence Formosa** *et nomine* **-vs- Silvio Felice** *et*, Appell, 6 ta' Ottubru 1999;
[8] **John Vella** nomine **-vs- Anthony Vella et**, Appell, 3 ta' Diċembru 1999.
[9] Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha tas-6 ta' Ottubru 1999 in re **Lawrence Formosa** *et nomine* **-vs- Silvio Felice**

magazzinaġġ. Jirriżulta li l-ordni saret mill-appellanti. L-appellanti ma ressqet l-ebda prova li l-ordni ma saritx f'isimha proprja imma li saret f'isem is-sid. Għalhekk, skont il-ġurisprudenza suċċitata, tibqa' l-preżunzjoni li l-appalt sar f'isem l-appellanti.

12. Barra minn hekk, id-deċiżjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti li l-appellanti hija responsabbli *proprio* hija riżultat ta' diskrezzjoni li m'għandhiex tiġi ddisturbata minn din il-Qorti ta' reviżjoni jekk ma jirriżultalhiex li d-diskrezzjoni mhix ibbażata fuq ir-raġuni jew fuq il-provi akkwiżiti. Ħaġa li żgur ma tirriżultax f'dan il-każ.

13. Dan l-aggravju huwa għalhekk mingħajr siwi.

14. **Dwar it-tieni aggravju**, trid issir distinzjoni bejn ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet in kwantu għat-tiswija u l-magazzinaġġ u r-relazzjoni bejn il-partijiet matul il-perjodu li matulu l-appellanti ħatret lill-appellata bħala kunsinnatarju.

15. L-appellanti tissottometti li l-provi juru li l-ftehim bejn il-partijiet dwar it-tiswija u l-magazzinaġġ kien li s-sid kien sejjer iħallas hu. Issostni li Woods, direttur tas-soċjetà appellata, kien aċċerta lill-appellanti li kien sejjer iħallas sid id-dgħajsa u mhux hu. Hemm ittra tal-15 ta' Ġunju 2010 minn Charles Schembri lill-avukat tas-sid fejn qalilha li s-sid kien jaf li d-

dgħajsa kienet ittieħdet għat-tiswija; dan jipprova li kien hemm relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà appellata u s-sid tad-dgħajsa. Is-soċjetà appellanti fil-korrispondenza bl-ittri elettroniċi qatt ma qalet li sejra tħallas hi; anzi nsistiet li kellu jħallas is-sid. L-appellanti tisħaq li Edward Woods, direttur tal-istess appellanti, wissa' lill-appellata li s-sid ma kienx sejjer iħallas lill-appellant u lill-appellat; iżda qallu li setgħet titħallas billi żżomm id-dgħajsa.

16. Din il-Qorti tirrimarka li anke t-tieni aggravju jikkonsisti essenzjalment f'nuqqas ta' qbil fuq l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. L-Ewwel Qorti dehrilha li għalkemm huwa minnu li l-attur kien qiegħed jistenna li tħallas is-sid, dan kien biss għaliex Woods kien qiegħed jinfurmah hekk. Deduzzjoni din li hija waħda valida u raġonevoli, u misluta minn provi ċari. Imbagħad l-ittra msemmija mill-appellant mhix prova li l-appellata tqabbdet mis-sid u mhux mill-appellanti, għaliex tirreferi għal mument **wara** l-konklużjoni tal-appalt li sar bejn l-appellanti u l-appellata.

17. L-Ewwel Qorti sewwa ddeċidiet li taddebita l-ispejjeż tal-mandat ta' qbid lill-appellanti in kwantu hija kienet li bħala kreditur qabbdet lill-attur bħala kunsinnatarju, u skont l-Art. 282(d) tal-kodiċi proċesswali, trid tħallsu hi. Tabilħaqq dwar dan ma jingħad xejn fl-aggravji tal-appellanti, għalkemm qiegħda titlob li lanqas ta' dawn l-ispejjeż ma tħallas.

18. **It-tielet aggravju** jikkonsisti f'eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li qiegħda titqajjem l-ewwel darba quddiem din il-Qorti. Din l-eċċezzjoni hija waħda minn dawk il-ftit li tista' titqajjem f'dan l-istadju.

19. Huwa applikabbli għal din il-preskrizzjoni l-Artiklu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, li sarulu emendi importanti fis-sena 2017. Qabel l-emendi, il-kreditur kellu l-għażla li jamministra l-ġurament lid-debitur. Id-debitur seta' jwieġeb li mhuwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġiet imħallsa. Dan il-ġurament kien jissejjaħ wieħed deċiżorju, għaliex, ġaladarba mogħti, il-kreditur ma seta' jġib l-ebda prova oħra kuntrarja. Lanqas seta' jagħmel kontro-eżami. Dan għaliex il-kwistjoni tkun ġiet deċiża definittivament billi ġiet rimessa għall-kuxjenza tad-debitur.

20. Kif uriet din il-Qorti kif preżentement komposta, fis-sentenza tagħha riċentissima **Bank of Valletta p.l.c. v. Renald Camilleri** deċiża fil-5 ta' Marzu 2024, bl-emendi li saru fis-sena 2017, is-sitwazzjoni inbidlet radikalment, hekk kif l-għoti tal-ġurament ma baqax fakultattiv u mogħti fuq talba tal-attur. Minflok, il-leġislatur ċaqlaq għal fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas, il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra.[10] Il-ġurament ma baqax deċiżorju.

[10] Sentenza ta' din il-Qorti (Kompetenza Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***Bottega Del Marmista Ltd v. Paul Mifsud pro et*** tas-26 ta' Jannar, 2018; ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ottubru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Anvil Limited v. Ta' Giorni Limited***).

B'danakollu, għad fadal xi fdalijiet mil-liġi l-antika. Hekk, kemm qabel kif ukoll wara l-emendi, l-attur seta' jattakka l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi jattakka l-ammissibilità jew l-applikabilità tagħha, jew jipprova l-interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-preskrizzjoni.[11] Kemm qabel l-emendi kif ukoll illum, l-eċċipjent irid jaħlef li mhuwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġiet imħallsa. Huwa kien u għadu jrid jikkonforma ruħu strettament ma' din il-formola, hekk kif imniżżla fl-Artiklu 2160 fuq imsemmi. L-eċċipjent m'għamilx hekk. Żgur li ma ħax dan il-ġurament wara li qanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, li kif ġa ngħad, tqanqlet l-ewwel darba fl-istadju ta' dan l-appell. Fil-proċess quddiem l-ewwel Qorti, id-debitur lanqas ma ħa ġurament skont din il-formola, imma ċaħad li hu debitur abbażi tal-eċċezzjoni li huwa kien sempliċi mandatarju ta' sid id-dgħajsa u li għalhekk ma kienx personalment responsabbli għall-ħlas tat-tiswijiet u tal-magazzinaġġ tagħha. Dwar dan sarlu kontroeżami. Ġaladarba d-debitur b'att tiegħu spontanju assuma ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-liġi biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni, ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni.[12] Pereżempju, jekk jikkontesta l-pretiż debitu bħala assolutament ineżistenti fil-konfront tal-attur; għaliex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatibbli ma' dik tal-eżistenza assoluta tal-

[11] Ara Bottega del Marmista suċċitata.
[12] **Emmanuele Aquilina v. Geraldo Sammut** 30.10.1953 Qorti tal-Appell XXXVII.i.307.

kreditu.[13] Jew jekk il-konvenut mhux talli ma jistqarrx li mhuwiex debitur, talli jammetti li ma ħallasx u joffri l-ispjegazzjoni tiegħu għal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raġuni mingħandu dwar dan.[14] Hekk ukoll f'każ meta fejn il-konvenut wara li jixhed li m'għandux jagħti flus lill-attur u lanqas jiftakar li għandu jtih (skont il-formola) ikompli jistqarr li huwa ma ħallasx u joffri l-ispegazzjoni tiegħu għal dan in-nuqqas.[15]

21. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

22. **Ir-raba' aggravju** hu li l-kont ta' waqt is-seħħ tal-mandat għandu jkun ta' €18,408 u mhux ta' €21,844 kif ikkalkulat l-Ewwel Qorti. Skont l-appellanti, l-ammont għandu jkun €2,496 kull sena mingħajr VAT; għalhekk il-kont għal 6 snin u 4 xhur kemm dam il-mandat ta' qbid jammonta għal €15,600 li flimkien mal-VAT jiġi €18,408.

23. Din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti ma qalitx kif waslet għall-ammont ta' €21,844. L-appellati fir-risposta tal-appell ma tikkwerelax il-kalkolu magħmul mill-appellanti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kalkolu li għamlet l-appellanti jidher li huwa wieħed tajjeb. Għalhekk dan l-aggravju sejjer jiġi milqugħ.

---

[13] XXVI.ii.151, 449; XXX.i.964.
[14] **Lourdes Sciberras v. Kalcedonia Vassallo** 27.02.2009 Qorti tal-Appell (Inferjuri).
[15] **Dr Toni Abela v. Maurice Vassallo** 19.05.2000.

24. **Il-ħames aggravju** huwa ripetizzjoni tal-ewwel u t-tieni aggravji bid-differenza biss li jirreferi għaż-żmien ta' wara li ġie revokat il-mandat minflok għaż-żmien ta' qabel ma nħareġ l-istess mandat u għalhekk huwa wkoll bla siwi.

***Decide***

25. Għal dawn il-motivi, l-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-ammont dovut, għall-perjodu meta l-appellat kien kunsinnatarju huwa fis-somma ta' tmintax-il elf erba' mija u tmien ewro (€18,408) minflok wieħed u għoxrin elf tmien mija u erbgħa u erbgħin ewro (€21,844) kif deċiż mill-Ewwel Qorti, u li għalhekk it-total dovut huwa ta' erbgħa u għoxrin elf tmien mija u tmienja u għoxrin ewro (€24,828) bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv, filwaqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza. Spejjeż tal-kawża tal-ewwel istanza kif deċiżi minn dik il-Qorti; spejjeż tal-appell erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) għall-appellanti u kwint ($^{1}/_{5}$) għall-appellat *proprio et nomine*.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss